MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Numru. 1391/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Lorraine Cutajr Meachen**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Lorraine Cutajar Meachen detentrici tal-karta tal-identita` numru 466583(M).

Akkuzata talli:
F'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Settembru 2006 jew fil-jiem ta' qabel, tat ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew tat struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghenet jew assistiejt lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, weghdet, tat jew offriet, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iggieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), u 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputata ghall-akkuzi kif dedotti kontriha, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha, u stante li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante li l-fedina penali tal-istess hija wahda netta u stante li l-Qorti hi sodisfatta illi l-imputata ma kellhiex rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputata Lorraine Cutajar Meachen hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet, qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------